# X'Sehem tat il-Gazzetta "Il-Mellieħa" lill-Parroċċa tal-Mellieħa

**Mons. Mosè Debono**

L-għan prinċipali li ħareġ mill-Għaqda Żgħażagħ Ħaddiema Nsara - Sezzjoni Ġuvintur tal-Mellieħa kien li l-Melleħin jibdew ikunu jafu ċar x'qiegħed isir sewwa biex jiġi inkuraġġit, fejn ikun sejjer ħażin biex jtwaqqaf u ssir xi ħaġa għall-aħjar, u fejn ma kien qiegħed isir xejn fejn suppost kellha ssir xi ħaġa biex titqajjem kuxjenza fost il-poplu Mellieħi u jittieħdu l-passi meħtieġa.

Ħamsin sena ilu ma kenitx ħaġa popolari ħafna li xi ħadd mill-Mellieħa joħlom b'xi ħaġa ġdida u jkun determinat li jasal biex iwettaq il-għan tiegħu. Meta xi ħadd mill-Mellieħa kien juri li se jibda xi moviment ġdid u li se juri ruħu li hu organizzatur, u juri f'għemilu li dak li għandu f'moħħu hemm bżonnu u li se jkun ta' ġid lill-Melleħin kollha, ma tantx kien isib appoġġ. Dan kien l-ambjent u l-mentalità ta' ħafna Melleħin kienet għadha ma ħarġitx minn dik il-qoxra tal-mentalità antika li stajna nibqgħu kuntenti b'dak il-ftit tajjeb li konna nafu bih u li nipprattikawh.

Minħabba f'hekk, meta bdejna nippubblikaw il-Gazzetta "Il-Mellieħa", mill-ewwel dehret bħala xi ħaġa rivoluzzjonarja. Dan kien f'Ġunju tal-1962. Biex il-gazzetta tiġi stampata, jien kont xtrajt l-apparat kollu għall-istampar: il-magna "Gestetner", l-aħħar u l-aqwa apparat ta' dak iż-żmien, li kienet taħdem


Il-Mellieħa

*Leħen iż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara - Mellieħa.*

L'EWWEL SENA — DICEMBRU 1962 (EDIZZJONI SPECJALI). NO. 7.

IX-XEWQAT TAGHNA

DAN HUWA ZMIEN LI NGHATU LILL-XULXIN IX-XEWQAT TAGHNA GABIEX NAWGURAW IL-FESTI T-TAJBA U SENA GDIDA MIMLIJA B'KULL RISQ U HENA TAS-SEMA. L'EWWEL AWGURJU NOHDUH LILL-MAXTURA TA BETLEHEM GHAX MINN HEMM GEJ IL-QOFOL TA L'ASPIRAZZJONIJIET TAGHNA. U GHALEKK IX-XEWQAT TAGHNA HEMM BZONN LI JKUNU XEWQAT INSARA.

BHALA FOLJU MAHRUG GHAL-POPLU MELLIEHI IRRIDU NINQDEW B'DAN IL-FOLJU SABIEX AHNA, IT-TLITT FERGHAT TAZ. Z.H.N.-MELLIEHA- NAWGURAW LILL-POPLU MELLIEHI KOLLU MILIED QADDIS U HIENI U SENA GDIDA MIMLIJA KULL RISQ U HENA. L'ISBAH AWGURJI TAGHNA LILL W.R.KAPPILLAN TAL-PARROCCA, LIR REV.SACERDOTI, LILL-SHABNA DIRIGENTI U MEMBRI TA L'GHAQDIET TAL-PARROCCA, LILL-KUMITATI U SOCI TAL-KAZINI, LILL-MEMBRI TAGHNA KOLLHA U LILL FAMILJI TAGHHOM U LILL PRESIDENT U KUNSILL NAZZJONALI TAGHNA. LILL SHABNA HADDIEMA ZGHAZAGH, XEBBIET U RGIEL.J'ALLA L'FERH TAL -MILIED ITAFFI S-SOFFERENZI LI NILTAQGHU MAGHHOM KULJUM. EJJEW INHARSU LEJN IC-CKEJKEN GESU U NIMMEDITAW IT-TBATIJA LI SOFRA GHALINA. NINGHAQDU MIEGHU U NOFFRULU T-TBATIJA, L-FERH U N-NIKET TAGHNA.

LILEK MISSIER, LILEK OMM, LILEK ZGHAZUGH, LILEK XEBBA, LILKOM TFAL, LILEK HADDIEM: GHALIKOM ILKOLL GEJJIN DAWN IL-FESTI MQADDSA: IDHOL FL'ISPIRTU TAL-MILIED, ERFGHA GHAJNEJK LEJN GESU CKEJKEN TARGHA-HAR-

Gloria in excelsis Deo

FIL-LEJL tal-MILIED

Guzeppi u Merija
Dehlu fl-imkien fil-Ghar
Nizlu l-Angli mis-sema
Fissru l-ghageb li ser.

"Glorja!", ghannewe l'Angli
"Fil-gholi tas-smewwiet,"
Instemghet f'gegwigija
Fil-Lejla tal-Milied.

Oh x'ferh tara id-dehra
Li sarot gewwa l'Ghar,
Jitghaxxqu b'Fin Merija
L'Angli u r-rghajja fqar.

Poggiet l-Omm fuq ftit tiben
It-tfajjel fil-maxtura,
Biex Lilu l-hlejjaq kollha
Tad-Dinja tmur tadura.

Hellu, ja rghajja jidhlu
Il-gewwa b-naghgiet,
Li meghkom gibtu inthom
F'dan il-lejl tal-Milied.

Il-bhejjem fil-presepju
Fejn Kristu Tfajjel zghir,
Madwarhu qatghe twajba
Ta rghajja qalb ix-xghir.

kemm bid-dawl elettriku jew iddawwarha bl-idejn, il-linka sewda għaliha, l-apparat ta' "stencils" għall-ittri kapitali u żgħar, numru ġmielu ta' pinen u pinen oħrajn biex tagħmel inċiżjonijiet billi tigref bihom fuq il-karti tax-xema' li wara kienu jiġu ttajpjati fuq it-"typewriter". Wara ridt tagħmilhom mar-romblu mċappas bil-linka sewda fil-magna "Gestetner" u ddawwarhom karta karta fuq naħa waħda biss kemm ikollok bżonn għall-istampa. Kultant ix-xema' kienet titqatta' u kien ikollok tagħmel kollox mill-ġdid.

Bdejna nistampaw 400 kull xahar u ż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara tal-Mellieħa kienu joħorġu jagħtuha lill-familji fid-djar. Illum tiġi stampata 1550 kopja ta' din il-Gazzetta "Il-Mellieħa" kull xahar. Il-pubblikazzjoni tagħha kienet dehret bħala "ħaġa rivoluzzjonarja", mhux biss għall-Mellieħa imma għal Malta kollha, mhux biss għal 50 sena ilu, imma iktar u iktar għal-lum ukoll għax ma jidhirlix li xi parroċċa oħra waslet biex tippubblika gazzetta bl-istil tal-gazzetta tagħna u li tkun effettiva għall-ġid tal-istess Parroċċa.



F'50 sena lqatna ruxxmata ta' suġġetti differenti: Reliġjon, ambjent, arkeoloġija, storja tas-Santwarju, mużika, arti, Katekiżmu, edukazzjoni, valuri Nsara, inkuraġġimenti biex in-nies jitħeġġu dejjem iktar għal edukazzjoni għolja fi skejjel għoljin. Tambarna biex ikollna iktar minn tabib wieħed, għax meta kien jimrad jew isiefer il-Mellieħa kienet tibqa' bla tabib u dwar il-ħtieġa ta' skola ġdida, għad-dawl elettriku, għad-drenaġġ, għal Dar tal-Anzjani. Ħeġġiġna lit-tfal u ż-żgħażagħ biex jidħlu membri fl-għaqdiet Reliġjużi: fl-Azzjoni Kattolika, Irġiel, Nisa, Subien, Bniet, Ġuvintur u Tfajliet; kien hemm iż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara: Ġuvintur, Tfajliet, Subien u Bniet; kien hemm il-leġjun ta' Marija: Rġiel u Nisa, Subien u Bniet. Ħeġġiġna lill-Membri tax-Xirka tal-Isem Imqaddes ta' Alla biex ikomplu jagħmlu l-missjoni tagħhom f'kampanja kontra d-dagħa. Inkoraġġejna lit-tliet Fratellanzi tal-Mellieħa: tal-Madonna tar-Rużarju, ta' San Ġużepp u tas-Sagrament, biex jerġgħu jsibu membri ġodda ħalli jieħdu sehem fit-talb, fil-Quddies u fil-Purċissjonijiet.

Is-"Song Contests" kienu ħolqien miż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara, Mellieħa, u għal dak iż-żmien il-poplu tal-Mellieħa kien jiddeverti ħafna. Bil-gazzetta "Il-Mellieħa" bdejna nxandru l-"Istorja tal-Mellieħa" u interessajna ruħna mill-bdiewa, mill-ħidma tagħhom, mill-ħlasijiet li jixirqilhom tax-xogħol tagħhom tar-



raba'. Xandarna l-attivitajiet li kienu jsiru fil-Parroċċa minn xahar għall-ieħor. Xammejna sa minn kmieni ħafna li l-Mellieħa se tinbidel f'post turistiku u ta' villeġġjatura u minħabba f'hekk ippreparajna liż-żgħażagħ għal impjiegi li kienu se jkunu meħtieġa ħafna, u fil-fatt dawn laħqu l-aħjar impjiegi bi ħlasijiet tajbin. Tajna importanza lill-Kunsill Parrokkjali biex ikun effettiv għall-ġid tal-Parroċċa. Tkellimna fuq l-"Inter-League taż-Ż.Ħ.N", ikkummentajna fuq ix-xogħol kollu tal-iskultura u r-restawri fil-Knisja Parrrokkjali u fis-Santwarju mill-iskulturi Karmnu u Leli Cini; tambarna ħafna drabi fuq it-traskuraġni li kien jinsab fiha ċ-Ċimiterju "Sultana tal-Vittorji" u nedejna 'referendum dwar jekk iċ-ċimiterju kellux jiċċaqlaq minn postu'. Sħaqna ferm biex insalvaw il-familja, dwar ir-rispett tal-ulied lejn il-ġenituri u l-ġenituri lejn l-ulied. Tkellimna fuq il-Vokazzjoni Saċerdotali u Reliġjuża u fuq elf ħaġa oħra li kellha x'taqsam mal-Mellieħa. Lis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa tajnieh l-ikbar importanza li kien u għadu jixraqlu, tant li mill-2003 'l hawn dan l-istess Santwarju ġie meqjus bħala wieħed mill-aktar Santwarji antiki u popolari fl-Ewropa u llum huwa magħdud bħala wieħed mill-Għoxrin Santwarji fil-"European Marian Network".

Permezz tal-Gazzetta "Il-Mellieħa" ippreparajna għall-miġja tal-Papa Ġwanni Pawlu II fostna l-Melleħin meta ġie biex ikellem lill-ġenituri u lill-qraba tal-Missjunarji Maltin u invista lill-Madonna fis-Santwarju tagħha fil-Mellieħa. Illum, il-Gazzetta "Il-Mellieħa" hija apprezzata mhux mill-Melleħin biss imma nimpustawha lil numru ta' nies oħra 'l barra mill-Mellieħa għax jarawha 'formattiva' u 'informattiva'.

Minħabba l-pubblikazzjoni tal-gazzetta "Il-Mellieħa", ħafna snin wara, diversi entitajiet u għaqdiet Melleħin bdew huma wkoll, l-aktar għall-festa tal-Vitorja, jippubblikaw ktejjeb u dak kompla tejjeb u inkoraġġixxa kittieba oħra biex anke huma juru l-interess tagħhom fil-Mellieħa permezz tal-kitba.

Liċ-Ċentru Parrokkjali tajnih importanza kbira u fil-fatt dan kompla sewa mhux biss sakemm xtrajnieh u kabbarnieh kif inhu llum imma qanqalna l-Poplu tal-Mellieħa kollu biex liċ-Ċentru Parrokkjali "Madonna tal-Mellieħa" jagħmlu u jistmah bħala t-tieni dar tiegħu, allura ta' kulħadd.

Matul il-preparazzjoni ta' qabel il-Konċilju Vatikan II, u minn meta nbeda sakemm għalaq, mill-1963 sa l-1965, kemm stajt, jien, bħala Saċerdot, żammejt in-nies tagħna informati b'dak li kien għaddej fir-riforma tal-Knisja. Minħabba l-Vokazzjoni Saċerdotali tiegħi, matul is-snin kollha tal-pubblikazzjoni ta' "Il-Mellieħa", dejjem inkuraġġejt lin-nies tagħna għat-Talba tar-Ružarju, għall-Qrar ta' sikwit u għall-obbligu għal-laqgħa Ewkaristika ta' nhar ta' Ħadd u tal-Festi ikkmandati.

Dan kollu li ktibt f'dan l-artiklu huwa ftit wisq minn dak li deher fil-kitba tagħna ta' matul 50 sena. Nittamaw li nkomplu niswew ta' ġid lill-Poplu Mellieħi kollu.

**Verba, volant; Scripta, manent.**
**Il-Kliem, itir; il-Kitba, tibqa'.**

